MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 342/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Sciberras)**
**Vs**
**Victor Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tas-14.00 hrs, gewwa l-fond "9 Dar il-Wied", Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieha,
1. hedded lil Maria Louise Cutajar, Jean Vic Cutajar u lil Martina Cutajar, bi kliem u/jew b'mod iehor;
2. ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Maria Louise Cutajar, Jean Vic Cutajar u Martina Cutajar;
3. qal kliem malafamanti w ingurjuz fil-konfront ta' Maria Louise Cutajar, Jean Vic Cutajar u Martina Cutajar;
4. fixkel lil martu Maria Louise Cutajar fil-pussess ta' hwejjigha;

5. ghamel hsara fil-vettura propjeta’ tal-konjugi izda li kienet fil-pussess tal-mittenti (Sic!) fid-data tal-incident u zamm lill-mittenti milli tkompli tuza din il-vettura bin-numru IAM 228 tal-marka Lada.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Novembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant mhux hati tar-raba’ w il-hames akkuzi w minnhom illiberatu izda sabitu hati tat-tieni w it-tielet akkuzi w ikkundannatu ghal hamest (5) ijiem detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta’ Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha temenda s-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie liberat mill-Ewwel Qorti mir-raba’ w il-hames akkuzi dedotti kontra tieghu, thassar dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni w it-tielet akkuzi dedotti kontra tieghu w tiddikjarah mhux hati w kwindi tilliberah minn kwalsiasi imputazzjoni, htija w piena jew, f’kaz li xorta ssib htija ghal dawn iz-zewg akkuzi, tbiddel il-piena nflitta fuqu w minnflok tnaqqas l-istess piena w taghtih piena illi hija aktar moderata w addatata fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-istess appellanti li jikkonsistu fis-segwenti :

1. illi l-appellant instab hati li kkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ martu w uliedu izda mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni stess ma rrizultawx li l-griehi li sofrew l-imsemmija persuni gew ikkawzati mill-appellant;

2. illi ghalkemm gew ipprezenetati tlett certifikati medici dwar grif, it-tabib li hareg ic-certifikati qatt ma ttella’ jixhed biex jikkonfermahom bil-gurament, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tqis li ma ngabitx l-ahjar prova w l-appellant kellu jigi liberat minnha;

3. illi hadd mill-allegati vittmi tal-griehi ma gie muri c-certifikati esebiti biex jikkonfermhom;
4. illi rrizulta wkoll mix-xhieda prodotti li hemm kontradizzjoni bejn ix-xhieda tal-prosekkuzjoni dwar jekk l-allegati griehi gewx ikkawzati mill-appellant izda mill-provi rrizulta li l-griehi gew ikkawzati waqt il-kommozzjoni li nholqot dak il-hin tal-incident;
5. illi dwar it-tielet akkuza, l-appellant issottometta li ladarba l-kwerelanti rrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli, w ladarba akkuzi ta' malafama w ngurji jehtiegu l-kwerela da part tal-allegata vittma, f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara l-procediment ezawriet ladarba li kien hemm rinunzja da parti tal-kwerelanti, ghalhekk lanqas kellu jinstab hati tat-tielet akkuza;
6. illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija eccessiva w barra minn lokha;
7. illi l-fedina penali tal-appellant hija netta w bhala ghalliem l-appellant ghandu reputazzjoni limpida fis-socjeta'. Tali kundanna ta' detenzjoni tista' tiswa' lill-appellant sahansitra l-impjieg tieghu w dan b'konsegwenzi dizastruzi anke ghall-familjari tieghu stess minhabba l-obbligu tal-manteniment;
8. illi mix-xhieda ta' mart u wlied l-appellant irrizulta li dan kien incident familjari b'ghajjat u kommozzjoni minn kullhadd u mhux mill-appellant stess u ghalhekk, f'kaz li tinstab htija fl-appellant, m'ghandhix tigi nflitta l-piena tad-detenzjoni izda ghandha tapplika piena skond l-iskalletta stipulata fil-ligi.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu illi s-sentenza appellata hija nulla ghax l-Ewwel Qorti ma pprovdietx dwar l-ewwel akkuza w illimitat il-provvedimenti taghha biss ghall-akkuzi l-ohra cioe' t-tieni, t-tielet ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi dan id-difett fis-sentenza appellata jgib in-nullita' ta' l-istess sentenza ghax l-Ewwel Qorti kellha tittratta w tiddisponi wkoll dwar l-ewwel akkuza.

Ghalhekk din il-Qorti trid bil-fors tannulla s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta’ htija fuq it-tieni w it-tielet imputazzjoni biss billi n-nullita’ m’ghandhix taffettwa d-dikjarazzjoni ta’ liberazzjoni mir-raba’ w il-hames imputazzjoni.

Illi meta ghaddiet biex tisma l-kawza mill-gdid fl-udjenza tal-lum, il-parte civile w cioe’ mart l-appellant Maria Louise Cutajar u wliedu, Jean Vic Cutajar u Martina Cutajar iddikjaraw li ma jridux jixhdu kontra l-appellant li jigi zewgha w missierhom rispettivament.

Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat li m’ghandhix provi ohra oltre dawn it-tlett xhieda w konsegwentement ma hemm ebda prova kontra l-appellant fir-rigward tal-ewwel, it-tieni w it-tielet imputazzjoni. Inoltre w ghal kull buon fini, l-parte civile ddikjaraw li huma jirrinunzjaw ghal kull azzjoni kriminali li seta’ kien hemm fil-konfront tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, prevja l-annullament tas-sentenza appellata, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, w in vista tal-posizzjoni li hadu l-parte civile, tiddeciedi l-kawza mill-gdid billi in mankanza assoluta ta' provi, ma ssibx lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni w in vista tal-liberazzjoni tal-appellant mir-raba’ w il-hames imputazzjoni li tibqa’ mhux effettwata bid-dikjarazzjoni tan-nullita’ tas-sentenza appellata, tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------